# MINUTI

## Laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IT-TMINN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 512**

**It-Tnejn 8 ta' Lulju, 2019**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar, fis-6.10 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Bernice Farrugia – Viċi Sindku
Mark Grech – Kunsillier
Joseph Buttigieg - Kunsillier
Ghislaine Bongailas – Kunsilliera
Angelo Scicluna - Kunsillier
Angel Gwyn Louiselle Camilleri – Kunsilliera
Anna Calleja – Kunsilliera
Joseph Agius – Kunsillier
Patrick Barbara – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Joseph Vella – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

**512.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

512.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Joseph Vella fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Joseph Vella jkun skużat.

**512.2 Finanzjament ta' skemi u proġetti kapitali**

512.2.1 Is-Sindku qal illi kien sejjaħ laqgħa b'urġenza sabiex jiġi diskuss il-finanzjament ta' skemi u proġetti kapitali minħabba li d-data tal-għeluq tas-sottomissjonijiet ta' dawn l-iskemi kienet tagħlaq fil-jiem li ġejjin u l-applikazzjonijiet li jaslu tard ma kienux ser jiġu aċċettati.

- Finanzjament ta' Proġetti Kapitali - Apparat għal Sistemi ta' Irrigazzjoni

512.2.2 Is-Sindku tkellem dwar iċ-ċirkulari numru SPI/07/2019 relatata ma' għajnuna finanzjarja għal xiri ta' apparat għal sistemi ta' irrigazzjoni u qal illi l-Kunsill seta' japplika għal aktar minn proġett wieħed, sa massimu ta' tlieta, skont l-ordni ta' preferenza. Is-Sindku semma l-possibilità li ssir sistema ta' irrigazzjoni fi Ġnien il-Kunsill u fi Ġnien il-Mistrieħ fiż-żona ta' St Peter peress illi f'dawn iż-żewġ siti diġa kien hemm il-ġwiebi tal-ilma. Is-Sindku żied jgħid li l-ispiża għal xiri ta' apparat għal sistemi ta' irrigazzjoni kienet tammonta għal madwar €5,000 filwaqt li l-ispiża tal-installazzjoni tal-apparat kienet tammonta għal madwar €4,000. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li japplika għal din l-iskema u bħala l-ewwel preferenza iniżżel li jinxtara l-apparat għal sistema ta' irrigazzjoni fi Ġnien il-Kunsill u bħala t-tieni preferenza jniżżel Ġnien il-Mistrieħ.

512.2.3 Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk kienux ser isiru ż-żewġ proġetti f'każ li jiġi approvat proġett wieħed biss.

512.2.4 Is-Sindku qal illi kien hemm il-possibilità li d-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy* tapprova il-finanzjament għal xiri tal-apparat biss u l-Kunsill ikollu jħallas l-installazzjoni tal-apparat mill-fondi tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li f'każ li jiġi approvat ix-xiri tal-apparat biss, il-kumplament tal-proġett jiġi ffinanzjat mill-fondi tal-Kunsill.

512.2.5 Fis-6.20 ta' filgħaxija is-Sur Mark Grech daħal għal-laqgħa.

512.2.6 Il-Viċi Sindku staqsiet kif kienet qed issir it-tisqija tas-siġar u l-pjanti li hemm bħalissa fi Ġnien il-Kunsill u fi Ġnien il-Mistrieħ.

512.2.7 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi bħalissa t-tisqija tal-pjanti, siġar, arbuxelli u fjuri kienet qed issir bl-idejn, bl-użu ta' pajpijiet.

- Finanzjament ta’ Skema għall-Gvern Lokali għall-kura tal-Annimali fil-Lokalita`.

512.2.8 Is-Sindku tkellem dwar iċ-ċirkulari numru SPI/SCI/09/2019 relatata ma’ għajnuna finanzjarja għall-kura tal-annimali fil-lokalita` - LC Care Project.

512.2.9 Is-Sinjorina Ghislaine Bongailas qalet li waqt laqgħa li kellha mal-*feeders* Żabbarin ġiet diskussa l-possibilità li jsir *neutering* u *microchipping* ta’ qtates *strays* permezz ta’ din l-iskema. Is-Sinjorina Bongailas spjegat il-proċess ta’ *neutering* tal-qtates u qalet li dan il-proġett kien jinvolvi diversi spejjeż fosthom; xiri ta’ gaġeġ bin-nassa sabiex jinqabdu l-qtates, xiri ta’ gaġeġ sabiex jinġarru għal għand il-veterinarju u lura, xiri ta’ gaġeġ sabiex issir il-kura neċessarja ta’ wara l-operazzjoni, il-ħlas għas-servizz ta’ veterinarju sabiex tkun tista’ issir l-operazzjoni u x-xiri tal-ikel tal-qtates matul dan il-proċess. Is-Sinjorina Bongailas żiedet tgħid li jista’ jagħti l-każ li xi wħud mill-qtates ikollhom bżonn spejjeż mediċinali wara li ssir l-operazzjoni.

512.2.10 Is-Sinjorina Ghislaine Bongailas qalet illi l-massimu tal-finanzjament ta’ din l-iskema kienet ta’ €8,000 u li 20% tal-ammont totali jrid jiġi kopert mill-applikant. Is-Sinjorina Bongailas qalet li jekk wieħed japplika għall-massimu tal-finanzjament, l-ispiża għall-proġett ta’ *neutering* u *microchipping* għandha tinqasam kif ġej; €1,278 għal xiri ta’ gaġeġ, €1,000 għal xiri ta’ ikel, €2,000 fuq spejjeż mediċinali u €5,000 għall-ispejjeż tal-veterinarju sabiex issir l-operazzjoni. Fuq proposta tas-Sinjorina Ghislaine Bongailas li ġiet issekondata mil-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li japplika għall-għajnuna finanzjarja għal kura tal-annimali fil-lokalità u jsir il-proġett tan-*neutering*.

512.2.11 Is-Sinjorina Ghislaine Bongailas spjegat li mill-istimi li kienet ġabret, b’€5,000 kienu ser jiġu *neutered* u *microchipped* madwar 100 qattus mara u madwar 50 qattus raġel biss. Is-Sinjorina Bongailas żiedet tgħid li kellha informazzjoni li fit-toroq ta’ Ħaż-Żabbar hemm iktar minn 300 qattus *stray* u li m’ humiex *neutered*. Fuq proposta tas-Sinjorina Bongailas li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li n-nefqa totali għall-proġett tan-*neutering* u *microchipping* tammonta għal €20,000 u d-differenza ta’ €12,000 tiġi ffinanzjata mill-fondi tal-Kunsill.

- Finanzjarjament ta’ Skema – Żvilupp ta’ Libreriji Lokali / Reġjonali f’Ċentri tal-Komunita`.

512.2.12 Is-Sindku tkellem dwar l-iskema ta’ finanzjament għall-iżviluppi ta’ libreriji lokali /reġjonali f’ċentri tal-komunita` SPI/10/2019 u qal illi din l-iskema kienet qed tiffinanzja 85% tal-ispiża sa massimu ta’ €3,000 inkluż il-VAT.

512.2.13 Is-Sinjura Anna Calleja ssuġġeriet li l-Kunsill joffri korsijiet għal min hu nteressat jitgħallem jikteb pubblikazzjonijiet fil-qosor. Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament

li japplika għall-massimu tal-iskema ta' finanzjament għall-iżviluppi ta' libreriji lokali /reġjonali f'ċentri tal-komunità u l-proposta tal-proġett titressaq fil-laqgħa li jmiss.

- Finanzjarjament ta' Skema – Restawr ta' Postijiet / Monumenti Storiċi

512.2.14 Is-Sindku tkellem dwar il-finanzjarjament ta' skema għar-restawr ta' postijiet / monumenti storiċi SPI/SCI/12/2019 u semma l-possibilità li tiġi rrestawrata l-Kappella tal-Lunzjata.

512.2.15 Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk jistgħux jiġu rrestawrati n-niċeċ tal-lokalità b'din l-iskema.

512.2.16 Is-Sur Joseph Buttigieg semma l-ħtieġa li tiġi rrestawrata n-niċċa ta' San Ġużepp li hemm fi Triq is-Santwarju ma' G Agius Muscat.

512.2.17 Is-Sindku qal illi l-Kunsill jista' jirrestawra n-niċeċ bil-fondi tal-GAL Xlokk taħt il-Miżura 1 - *Local Development Strategy - Restoration of assets of artistic and cultural value* .

512.2.18 Fuq proposta tas-Sinjorina Angel Gwyn Louiselle Camilleri li ġiet issekondata mil-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li japplika għall-iskema ta' restawr ta' postijiet / monumenti storiċi u l-għażla tal-proġett propost tiġi diskussa iktar 'il quddiem waqt laqgħa tal-Kunsill.

- Finanzjarjament ta' Skema – Korsijiet ta' Tagħlim tul il-Ħajja (Life Long Learning)

512.2.19 Is-Sindku tkellem dwar il-finanzjarjament ta' skema Korsijiet ta' Tagħlim tul il-Ħajja (Life Long Learning) SPI/SCI/11/2019 u qal illi din l-iskema kienet qed tiffinanzja 85% tal-ispiża sa massimu ta' €2,000 inkluż il-VAT. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sinjorina Angel Gwyn Louiselle Camilleri, il-Kunsill qabel unanimament li japplika għall-massimu ta' din l-iskema finanzjarja.

512.2.20 Il-laqgħa spiċċat fis-6.40 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-513 laqgħa li saret nhar it-Tnejn 22 ta' Lulju, 2019.

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku